MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH S. REFALO**

Seduta ta' l-4 ta' Marzu, 2005

Talba Numru. 1839/2003

**GasanMamo Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha K & M Limited u l-istess K & M Limited**

**vs**

**Shirley Cassar**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-19 ta' Settembru, 2003 fejn intqal:**

**Illi l-konvenuta hija debitrici tal-atturi fis-somma ta' tlett mija u erbgha u sittin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm364.50) u dana in kwantu ghas-somma ta' tlett mija u disgha u tletin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm339.50) lis-socjeta` attrici assikuratrici u in kwantu ghas-somma ta' hamsa u ghoxrin lira**

**(Lm25) lill-attrici, rappresentanti danni li sofrew meta l-konvenuta waqt li kienet qed issuq il-vettura bin-numru CBG-837 fit-22 ta' Novembru, 2001 gewwa l-Floriana habat mal-vettura numru BBI-015 propjeta` ta' K & M Limited u kkagunat danni f'din l-istess vettura. Dan l-incident hija ghalih unikament responsabbli l-konvenuta stante li s-sewqan taghha kien wiehed negligenti u traskurat.**
**Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' ittra ufficjali datata 10 ta' Dicembru, 2002 kontra l-konvenuta u ta' ittra ufficjali ohra pprezentata kontestwalment ma' dan l-avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenuta u tal-parir Lm17.50 bl-imghax kontra l-istess konvenuta mid-data tal-ittra ufficjali.**

**Ra r-risposta tal-konvenuta prezentata fl-4 ta' Dicembru, 2003, fejn intqal illi t-talbiet tal-atturi kif diretti kontra l-eccipjenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom billi l-incident in kwistjoni ma sarx b'tort tal-eccipjenti, pero` b'tort tas-sewwieq tal-vettura BBI-015, u cioe` Luigi Xerri, minhabba negligenza, traskuragni u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess sewwieq, u dana kif jigi pruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.**
**Salvi eccezzjonijiet ohra.**

**Semgha x-xhieda ta' PS 1417 Stephen Tarpey, Louis Xerri. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz.**

**Ikkunsidra:**
**1. Dan il-kaz jirrigwarda kollizzjoni li sehhet f'Saint Anne Street, Floriana fit-22 ta' Novembru, 2001. Il-vetturi nvoluti fil-kollizzjoni kienu l-vettura bin-numru BBI 015 misjuqa minn Luigi Xerri assikurata mas-socjeta' attrici u l-vettura bin-numru CBG 837 misjuqa mill-konvenuta.**
**2. Iz-zewg vetturi kienu mexjin fl-istess direzzjoni cioe' minn hdejn il-funtana ta' l-iljun fid-direzzjoni ta' Porte De Bombe.**

**3. Skond Luigi Xerri hu kien miexi fil-karreggjata bi swit is-centre strip u kien l-irxiex. Ighid li l-konvenuta giet fil-karreggjata ta' hdejh u mxiet lagenba b'mod li mblukkat il-karreggjata tieghu, zamm il-break u saret il-habta. L-ewwel darba li raha kien ezatt x'hin giet quddiemu. Il-vettura ta' Xerri kellha l-hsara fl-indicator ta' quddiem fuq ix-xellug.**
**4. Il-konvenuta ma xehditx f'din il-kawza pero' mid-dikjarazzjoni taghha maghmula lill-pulizija, hi tghid illi kienet fil-karreggjata tan-nofs meta f'salt il-vettura ta' l-attur dahlet fiha minn wara. Skond l-istess rapport il-vettura taghha kellha hsara fuq il-bieba, l-mudguard u l-bumper ta' wara n-naha tal-lemin.**
**5. Id-danni riportati fil-vettura tal-konvenuta jindikaw illi hawnhekk ma kienetx kollizzjoni minn wara izda pjuttost fuq il-genb ghalkemm in-naha ta' wara. Kif jirrizulta mill-iskizz il-konvenuta kienet qed tinvadi l-karreggjata li minnha kien ghaddej Xerri, fil-mument meta sehhet il-kollizzjoni filwaqt illi Xerri kien miexi kif suppost. Tenut kont ta' dan huwa verosimili dak li qed ighid Xerri illi l-konvenuta mxiet lejn il-karreggjata ta' barra lejn il-karreggjata tan-nofs b'mod illi mblukkattlu l-passagg liberu tieghu. Konsegwentement il-konvenuta ghandha tigi ritenuta responsabbli ghall-incident li sehh.**
**6. Bhala danni dawna jirrizultaw pruvati fl-ammont mitlub skond id-Dok 6 a fol 8 tal-process.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal filwaqt li jsib lill-konvenuta unikament responsabbli ghall-incident li sehh jikkundannha thallas lis-socjeta` attrici GasanMamo Insurance Limited is-somma ta' tlett mija disa' u tletin lira u hamsin centezmu (Lm339.50), u lis-socjeta' K&M Limited is-somma ta' hamsa u ghoxrin lira (Lm25.00), ilkoll bl-imghaxijiet mill-10 ta' Dicembru, 2002.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali ta' l-10 ta' Dicembru, 2002 u ta' ittra ufficjali ohra pprezentata kontestwalment ma' l-avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenuta u s-somma ta' sbatax-il lira u hamsin centezmu (Lm17.50) tal-parir ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------